MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 404/2003

**Pace & Mercieca Limited**

**Vs**

**Renald Casha**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm178.38 (mija tmienja u sebghin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu) dovuti bhala bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fil-31 ta' Mejju 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-3 ta' Ottubru 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------